MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GINO CAMILLERI

Seduta tas-6 ta' Mejju, 2003

Citazzjoni Numru. 510/1998/1

**Citazzjoni numru 510/98 GC**

**Formosa & Camilleri Limited bhala agenti Malta tas-Socjeta` Guardian Royal Exchange Assurance plc proprio u kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Supermarkets (1960) Limited**

**vs**

**John Ripard & Son Limited agenti Malta tas-socjeta` Transtainer Systems (UK) Limited armaturi tal-vapur Norasia Singa**

Il-Qorti

Rat ic-citazzjoni fejn is-socjeta` attrici ppremettiet:

Illi fis-16 ta’ Marzu 1997 is-socjeta` Supermarkets (1960) Limited importat gewwa Malta fuq il-bastiment Norasia Singa konsenja ta’ “textiles/toiletries”;

Illi din il-konsenja giet ikkonsenjata lill-assikurat tal-attur bin-nuqqasijiet spjegati fid-dokument "A" (survey report);

Illi ai termini tal-polza ta’ Assigurazzjoni bejn l-attur u l-assigurat tieghu hu kellu jindenizza lill-assigurat tieghu tad-danni li sofra u b`hekk issa hu gie surrogat fid-drittijiet tal-istess assigurat;

Illi l-attur jikkwantifika in-nuqqasijiet fil-merkanzija de qua fl-ammont ta’ sitt elef disa’ mija u hamsa u disghin lira u tletin centezmu (LM6995.30) li maghhom jizdied l-ammont ta’ tmien mija u hamsa u ghoxrin lira (LM825) bhala survey fee u ghalhekk danni totali sofferti mill-attur fl-ammont ta’ sebat elef tmien mija u ghoxrin lira u tletin centezmu (LM7820.30);

Illi l-konvenut huwa responsabbli ghal dawn id-danni;

Ghalhekk is-socjeta attrici talbet li l-konvenuti jghidu ghaliex din il-Qorti m`ghandhiex:

1. Tiddikjarah responsabbli ghan-nuqqasijiet fil-merkanzija tal-assigurat tal-attur li ghalihom ghamel tajjeb l-attur;

2. Tillikwida id-danni sofferti mill-attur fl-ammont ta’ Lm7820.30;

3. Tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma ta’ Lm7820.30 in linea ta’ danni;

Bl-ispejjez u interessi legali mid-data tan-notifika tac-citazzjoni, kontra il-konvenut;

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta attrici debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda taghha;

Rat in-nota ta’ eccezzjonijiet tas-socjeta` konvenuta fejn gie eccepit :-

1. Illi t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra s-socjeta` attrici billi s-socjeta` konvenuta kkonsenjat il-merkanzija fl-istat li rceviet l-istess. (Dokument "A" – konferma mill-Freeport Terminal li s-seal kien “intact” mal-wasla f`Malta. Illi s-socjeta` konvenuta rceviet container bis-seal intact u kkonsenjat l-istess container bl-istess seal “intact” u ghalhekk qatt ma tista tkun responsabbli ghal xi nuqqasijiet fil-merkanzija;

2. Illi minghajr pregudizzju ghal fuq espost skond klawsola seba (7) tal-polza tal-karigu s-socjeta` konvenuta mhiex responsabbli ghan-nuqqasijiet li setghu kien hemm;

3. Illi s-socjeta` konvenuta ma kkagunat ebda danni lis-socjeta` Formosa & Camilleri nomine;

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta` konvenuta debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda taghha;

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Semghet lix-xhieda prodotti mill-partijiet;

Rat il-verbal tas-seduta tal-5 ta' Novembru 2002;

Ikkonsidrat:

Mill-provi jirrizulta li fis-16 ta’ Marzu 1997 is-socjeta` Supermarkets (1960) Limited importat gewwa Malta fuq il-bastiment Norasia Singa konsenja ta’ “textiles/toiletries”. Meta din il-merkanzija giet konsenjata lill-importatur instab li kien hemm hafna nuqqasijiet. Skond l-obbligi kontrattwali taghha s-socjeta attrici, bhala socjeta

assikuratrici, halset lill-importaturi ghal dawn in-nuqqassijiet l-ammont ta' sitt elef disa' mija u hamsa u disghin lira u tletin centezmu (LM6995.30). Ghalhekk is-socjeta assikuratrici giet surrogata fid-drittijiet kollha tal-assikurati taghha;

Is-socjeta attrici tippretendi li l-konvenuti huma responsabbli ghal dawn in-nuqqasijiet u ghad-danni kollha konsegwenzjali. Is-socjeta attrici tippretendi li bhala danni mal-imsemmija somma trid tizdied is-somma ta' tmien mija u hamsa u ghoxrin lira (LM825) bhala spejjez ghas-survey report. B'hekk is-socjeta attrici tippretendi li s-somma totali bhala danni tammonta ghall sebat elef tmien mija u ghoxrin lira u tletin centezmu (LM7820.30). Ghalhekk din il-kawza qed issir sabiex il-konvenuti jigu kundannti jhallsu din is-somma;

Il-konvenuti jeccepixxu li l-merkanzija in kwestjoni giet konsenjata lill-importatur fl-istess stat li fih l-istess merkanzija giet ricevuta mill-konvenuti u illi l-konvenuti rcevew container bis-sigilli intatti u l-istess container gie konsenjat lill-importaturi ukoll bis-sigilli intatti u b'hekk il-konvenuti qatt ma jistghu jigu ritenuti responsabbli ghal xi nuqqasijiet. Inoltre l-konvenuti qed jeccepixxu li skond il-klawsola seba (7) tal-polza tal-karigu huma ma jistghux jitqiesu responsabbli ghan-nuqqasijiet in kwestjoni. Fl-ahhar nett il-konvenuti jeccepixxu li huma ma kkagunaw l-ebda danni lill-atturi;

Ghal kjarezza jigi puntwalizzat li din il-kawza qed issir mis-socjeta Formosa & Camilleri Limited bhala agenti ta' ditta assikuratrici estera kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurati taghhom Supermarkets (1960) Limited kontra s-socjeta John Ripard & Son Limited bhala agenti f'Malta tas-socjeta` estera Transtainer Systems (UK) Limited li huma

l-armaturi tal-vapur Norasia Singa. Din il-kawza ghalhekk qed issir kontra il-vapur.

Mill-provi prodotti jirrizulta li l-imsemmija socjeta importatrici importat gewwa Malta diversi oggetti f'container wiehed, li kien jikkontjeni biss oggetti tal-istess socjeta importatrici. Jirrizulta li dan il-container ittella abbord il-vapur li garru ghall-Malta bis-sigilli intatti u in effett dan l-istes container gie ukoll konsenjat lid-ditta imporatrici ukoll bis-sigilli intatti. Hemm allegazzjonijiet li s-sigilli setghu tbiddlu jew setghu gew imbghabsa. Ma jistghax jinghad, pero', li dawn l-allegazzjonijiet gew ipprovati;

Mill-provi kollha prodotti zgur li ma tirrizulta ebda responsabilita' da parti tal-konvenuti ghar-rigward tan-nuqqasijiet li allegatament kien hemm fil-merkanzija in kwestjoni;

Fid-dawl ta' dan kollu ma jistax jinghad li l-pretensjonijiet tal-atturi gew sufficjentment ippruvati u ghalhekk it-talbiet attrici ghandhom jigu respinti;

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tichad it-talbiet kollha attrici;

Spejjez kontra l-atturi.

--------------------------------TMIEM--------------------------------